



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Diċembru 2019 – Gollnisch vs Il-Parlament

(Kawża T-319/19)

“Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Modifika tal-iskema ta' pensjoni komplementari volontarja – Att regolatorju – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Tardività – Att mhux suġġett għal rikors – Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti formali – Inammissibbiltà”

1. *Atti tal-istituzzjonijiet – Deċiżjoni li temenda r-regolamenti dwar l-iskema ta' pensjoni komplementari volontarja tal-Membri tal-Parlament Ewropew – Proċedura ta' ilmenti – Inapplikabbiltà – Żamma tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kontenzjuż – Assenza – Tardività fil-preżentata tar-rikors – Inammissibbiltà*

(Artikolu 263 TFUE ; Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, Artikolu 72)

(ara l-punti 24-32)

2. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Att purament informattiv – Esklużjoni*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 34-38)

3. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Assenza ta' preċiżjoni dwar l-atti kkontestati – Inammissibbiltà*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d))

(ara l-punti 41-44)

4. *Proċedura ġudizzjarja – Spejjeż – Tassazzjoni – Tassazzjoni li tista' sseħħ biss wara d-deċiżjoni li jintemmu l-proċeduri – Inammissibbiltà*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 133 u 170)

(ara l-punti 46, 47)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2018, C 466, p. 8), tal-ittra tas-26 ta' Marzu 2019 tal-President tal-Parlament li ċaħdet l-appell intern ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament, kif ukoll tal-atti kollha meħuda konsegwentement.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Bruno Gollnisch għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.